**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 140 tat-28 ta’ Ġunju 2023 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fis-seduta tas-27 ta’ Ġunju 2023, wara l-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari, l-Onor. Albert Buttigieg ġibed l-attenzjoni tas-Sedja li għal numru ta’ drabi mistoqsija parlamentari li huwa kien għamel lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali baqgħet mhix imwieġba, u nikkwota:

> **ONOR. ALBERT BUTTIGIEG:** Sur President, nixtieq niġbed l-attenzjoni tiegħek li mistoqsija parlamentari li jien għamilt lill-Ministru Aaron Farrugia, fejn staqsejtu kemm għandu konsulenti fil-Ministeru tiegħu, taħt liema entitajiet jaqgħu, kemm jitħallsu u x’inhuma l-kwalifiki tagħhom, għamiltha erba’ darbiet. In-numru tal-mistoqsijiet huma 9481, 5153 u 10314. Naħseb li, mhuwiex ġust għall-akkontabilità tal-Parlament, li nagħmlu l-mistoqsijiet u ma jiġux imwieġba. F’dan l-istadju naħseb li se nwasslu sas-sena li ġejja. Għalhekk ġentilment nitlob direzzjoni mingħandek, Sur President.

Is-Sedja għal darb’oħra terġa’ ttenni illi – kif għamlet diversi drabi, anke aktar kmieni din il-ġimgħa stess fis-seduta ta’ nhar it-Tnejn li għadda – hija ma għandhiex mansjoni fuq tweġibiet li jingħataw għal mistoqsijiet parlamentari magħmula lilhom.

Is-Sedja, madankollu, tifhem u tagħraf l-importanza tar-rwol ta’ skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta’ mistoqsijiet parlamentari, u għalhekk terġa’ tfakkar lill-Ministri dwar l-importanza li l-mistoqsijiet parlamentari jiġu mwieġba, u dan fi żmien raġonevoli.